# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 77/2019/1 JZM**

**B Grima & Sons Ltd (C34602)**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat (ġia` Avukat Ġenerali skond il-verbal tat-23 ta' Jannar 2020), u b'digriet fil-verbal tat-13 ta' Ġunju 2019 ġiet imsejħa fil-kawża Concorde Developments Ltd. (C 38024)**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell li ppreżentat is-soċjeta` attriċi mis-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Ġunju 2020 li laqgħet l-eċċezzjonijiet numru sebgħa li ngħataw mill-konvenuti u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi. Eċċezzjonijiet ta' *res judicata*.

Fatti.

2. Il-fatti prinċipali li wasslu għal din il-kawża huma:

2.1 Fil-kawża Concorde Development Ltd vs B. Grima & Sons Limited (Rikors 572/2011) il-kumpanija konvenuta (illum attriċi) ippreżentat tweġiba ġuramentata . Skont it-timbru tar-Reġistru l-att kien preżentat fl-10 ta' Awwissu 2011. Fuq l-istess att hemm timbru ieħor li fid-9 ta' Awwissu 2011 ir-rappreżentant tal-kumpanija ikkonferma t-tweġiba quddiem il-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil. L-atti juru li n-notifika tar-rikors ġuramentat saret fl-20 ta' Lulju 2020. Ifisser li l-għoxrin jum għall-preżentata tat-tweġiba għalqu fid-9 ta' Awissu 2011.

2.2 Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011 saret talba għall-isfilz tat-tweġiba ġuramentata. Dakinhar għall-attriċi deher biss id-difensur tagħha. Il-verbal jaqra:

*"Dr Kevin Camilleri Xuereb jirrileva illi n-nota ta' eċċezzjonijiet ġiet ippreżentata tard b'ġurnata u għalhekk jitlob l-isfilz.*

*"Dr Tonio Cachia jirrileva illi hekk jidher mill-atti iżda s-soċjeta konvenuta ħalfet l-eċċezzjonijiet fit-terminu preskritt iżda għal xi raġuni t-timbru tal-Qorti qed jirrifletti mod ieħor. Jitlob li jiġġustifika l-kontumaċja.*

*"Il-Qorti wara li semgħet id-difensuri tal-partijiet tiddikjara li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-liġi hi ċara u ma għandhiex il-jedd jew fakulta' li tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissana dak li l-liġi tikkmanda b'mod ċar. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tilqa' t-talba għall-isfilz tal-eċċezzjonijiet stante li ippreżentati trdivament u tordna li l-eċċezzjonijiet jiġu imneħħija mill-atti"*

2.3 Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2012 ingħalqu l-provi tal-attriċi u l-Qorti ffissat termini sabiex il-partijiet jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet li ġew preżentati.

2.4 Fit-2 ta' Ottubru 2012 ingħatat is-sentenza.

2.5 B'rikors preżentat fit-22 ta' Ottubru 2012 B. Grima & Sons Ltd appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti. L-ewwel aggravju kien jirreferi għall-ordni dwar l-isfilz tat-tweġiba ġuramentata. F'dak l-aggravju l-appellanti argumentat ukoll li bl-ordni ta' sfilz kienet ġiet preġudikata, u sostniet li dik l-ordni kienet tikser il-jedd tagħha għal smigħ xieraq kif imħares mill-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319) (ara paragrafu 8).

2.6 B'sentenza tas-27 ta' Jannar 2017 il-Qorti tal-Appell iddeċidiet dwar dak l-aggravju:

*"Illi in kwantu l-appell prinċipali jitratta l-ordni tal-ewwel Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2011, għall-isfilz tar-risposta tas-soċjeta konvenuta u konsegwentement l-istat kontumaċi tagħha, minn eżami tal-fatti kif żvolġew quddiem l-ewwel Qorti jirriżulta paċifiku li r-risposta ġuramentata saret tardiva. Għalkemm is-soċjeta konvenuta talbet*

*li tiġġustifika l-kontumaċja, hija illimitat ruħha billi irrilevat li għalkemm l-eċċezzjonijiet ġew maħlufa fit-terminu preskritt, 'għal xi raġuni' t-timbru tal-Qorti jirrifletti mod ieħor. Fir-rikors tal-appell is-soċjeta konvenuta tittanta talloka r-responsabbilta' ta' dan in-nuqqas lir-reġistru tal-Qorti iżda fil-verita' mill-atti tal-kawża ma tirriżulta li tressqet ebda prova sabiex tittenta tiġġustifika l-istat kontumaċi tagħha. Hija attribwit it-tardivita' għal raġuni vaga, li jista' jfisser ħafna u mhux neċessarjament nuqqas da parti tal-amministrazzjoni tal-Qorti.*

*...........*

*"Kif ingħad qabel, f'dan il-każ ma saritx il-prova tal-kawża ġusta li setgħet tiġġustifika l-kontumaċja, jew li tali kawża ġusta kienet tikkostitwixxi impediment leġittimu, jew żball invinċibblih li ma jammontax għal kolpa. Għalhekk f'dan il-kaz, is-soċjeta konvenuta ma seħħiliex li tissana l-pożizzjoni tagħha. Ma kien jinkombi fuq ħadd għajr is-soċjeta konvenuta li tiġġustifika r-raġuni l-għala r-risposta tagħha saret tardivament, permezz tal-provi opportuni, kif wara kollox jipprovdi l-Artikolu 158(10) tal-Kodici ta Organizzazzjoni u Procedura Civili. Għalkemm din il-Qorti taqbel mal-argument imressaq mis-soċjeta konvenuta, fis-sens li kontrarjament għal dak li ngħad mill-ewwel Qorti, ai termini tal-imsemmi artikolu tal-liġi, dik il-Qorti għandha l-jedd u l-fakolta' li tuża d-diskrezzjoni tagħha, sabiex tevalwa ċ-ċirkostanzi mressqa quddiemha li jistgħu jwasslu li l-kontumaċja tal-konvenut tiġi sanata, jekk kemm-il darba tirriżulta raġuni tajba, f'dan il-każ is-soċjeta konvenuta falliet, meta naqset li tressaq kwalunkwe prova li setgħet tiġġustifika s-sitwazzjoni tagħha.*

*"Inoltre kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011, u kif ġustament rilevat mis-soċjeta appellata, fl-ewwel data appuntata għas-smigħ, ħadd mid-diretturi jew rappreżentant ieħor tas-soċjeta konvenuta (għajr għad-difensur legali tagħha), ma ndenja ruħu jidher quddiem l-ewwel Qorti. Dan jikkontrasta sew mal-prinċipju ieħor li jista' jinsilet mill-istess ġurisprudenza ċitata tas-soċjeta u ċioe' li meta konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, dan jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett lejn l-awtorita' tal-Qorti, li jrid jirriżulta sabiex il-kontumaċja ma tiġix ġustifikata.*

*........*

*"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li s-soċjeta konvenuta falliet fuq iż-żewġ fronti, kemm li tressaq provi biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, kif ukoll fl-ewwel jum appuntat mill-ewwel Qorti, għas-smigħ tal-kawża.*

*"Lanqas ma hu ġustifikat l-ilment tas-soċjeta konvenuta rigward l-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq jew li d-deċiżjoni tal-Qorti walet għall-ksur tad-drittijiet tagħha hekk kif sanċiti taħt l-Artikolu 39(2)*

*tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, ladarba kienu l-istess nuqqasijiet tas-soċjeta konvenuta li wassluha għas-sitwazzjoni tagħha. L-atti proċesswali jindikaw li hija ġiet debitament notifikata u li għalkemm kellha l-opportunita' li tiġġustifika n-nuqqas tagħha li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha fil-waqt, hija naqset saħansitra milli tipprova tissana l-pożizzjoni tagħha, u għalhekk imputet sibi.*

*"Isegwi għalhekk, li għalkemm għal raġunijiet differenti, din il-Qorti waslet għall-istess konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, li l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta konvenuta kellhom jiġu sfilzati mill-atti u għalhekk ma tqisx li dan l-ewwel parti tal-appell prinċipali tas-soċjeta konvenuta, jimmerita li jintlaqa'"*

2.7 Fil-21 ta' Ottubru 2017 B. Grima & Sons Ltd ippreżentat rikors ta' ritrattazzjoni minħabba żball ta' fatt (Artikolu 811(l) tal-Kap. 12). L-ilment tagħha kien li ma ngħatatx l-opportunita` li tressaq provi sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha.

2.8 B'sentenza tat-2 ta' Marzu 2018 it-talba ġiet miċħuda, wara li l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li mill-atti tal-kawża ma tirriżulta li tressqet ebda prova sabiex ir-rikorrenti tiġġustifika l-kontumaċja.

2.9 Fl-14 ta' Mejju 2019 l-attriċi ippreżentat il-kawża tal-lum fejn ilmentat minn ksur tal-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq kif imħares bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ilment bażat fuq l-allegazzjoni li l-ewwel Qorti kienet ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha fil-kawża 572/2011. Issostni li l-Qorti tal-

Appell kemm fl-appell u l-proċeduri ta' ritrattazzjoni żbaljat meta kkonkludiet li l-attriċi kienet naqset milli tressaq provi sabiex tiġġustifika l-kontumaċja. F'kull każ jibqa' il-fatt li l-preżentata tat-tweġiba ġuramentata ġurnata waħda tard ma kellha qatt twassal għal dak li fil-fatt ġara.

3. Fir-rikors promotur preżentat fl-14 ta' Mejju 2019 l-atturi talbu lill-ewwel Qorti sabiex:

> *"(1) Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti m`ghandhom u qatt ma kellhom ebda mezz iehor xieraq ta` rimedju disponsibbli ghalihom sabiex jindirizzaw u jikkontestaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom mertu ta` dan ir-rikors, u b`hekk kienu kostretti jirrikorru ghal dan ir-rimedju.*
>
> *"(2) Tiddikjara u tiddeciedi li fil-proceduri fl-ismijiet `Concorde Developments Ltd` vs. B. Grima & Sons Limited` (Rik Gur 572/2011) gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq u imparzjali hekk kif imharsa permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*
>
> *"(3) Tiddikjara u tiddecedi li permezz tal-imsemmija proceduri legali r-rikorrenti B. Grima & Sons Ltd. sofrew pregudizzju u telf finanzjarju minhabba li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom ghal smigh xieraq u imparzjali hekk kif imharsa perrmezz tal-Artikolu 39 tal-Kostittuzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*
>
> *"(4) Tillikwida b`mod effettiv kumpens gust u xieraq spettanti lir-rikorrenti minhabba dan il-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom, bl-uniku rimedju effettiv jkun li jregga` lir-rikorrenti fl-istadju li kienu qabel inbdew il-proceduri fuq imsemmija fl-ismijiet `Concorde Developments Ltd` vs. B. Grima & Sons Limited` (Rik Gur 572/2011), u b`hekk tali kumpens ghandu jirrifletti t-telf finanzjarju li sofrew ir- rikorrenti permezz ta` tali proceduri.*
>
> *"(5) Tordna lill-intimat ihallas il-kumpens hekk likwidat lir- rikorrenti.*
>
> *"(6) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi u r-rimedji l-ohra kollha li tqis xierqa u opportuni".*

4. Il-konvenut Avukat tal-Istat ta l-eċċezzjoni:

*"7. Illi s-socjeta` rikorrenti diga` ressqet l-ilment dwar l-allegat ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq fil-proceduri fil-kawza Concorde Developments Limited vs B. Grima and Sons Limited` quddiem il-Qorti tal-Appell permezz tal-ewwel aggravju fl-appell li hija ghamlet mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-konfront taghha tat-2 ta` Ottubru 2012. Il-Qorti tal-Appell iddecidiet dan il-punt fis-sentenza taghha tas-27 ta` Jannar 2017 u sabet illi l-ilment tas- socjeta` konvenuta rigward l-allegat nuqqas ta` smigh xieraq mhuwiex gustifikat u dan peress illi kienu l-istess nuqqasijiet tas- socjeta` rikorrenti li wassluha ghas-sitwazzjoni taghha (ara fol. 18 tas- sentenza)".*

5. L-imsejħa fil-kawża tat l-eċċezzjoni:

*"7. Illi apparti dan kollu, l-kumpanija rikorrenti diga` kienet resqet l-ilment tal-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha quddiem l- Onorabbli Qorti tal-Appell, u dik l-Onorabbli Qorti cahdet dik it-talba peress li skont hi, kienu l-istess nuqqasijiet tal-kumpanija rikorrenti odjerna, f'dawk il-proceduri li wassluha ghas-sitwazzioni taghha".*

6. Eċċezzjonijiet li l-ewwel Qorti laqgħet wara li rraġunat:

*"Wara li tat konsiderazzjoni ghall-fatti u ghac-cirkostanzi li johorgu mill-atti processwali ta` dan il-kaz, din il-Qorti ssib li r- res judicata tirrizulta ppruvata.*

*"Dwar ir-rekwizit eadem res, tajjeb jinghad illi meta rrikorriet quddiem il-Qorti tal-Appell, is-socjeta` rikorrenti ddikjarat ruhha aggravata li t-trattament li rceviet mill-qorti tal-ewwel istanza li kellu bhala konsegwenza l-isfilz tar-risposta guramentata kien lesiv ghall- jedd taghha ghal smigh xieraq (Art 6 tal-Konvenzjoni u Art 39 tal-Kostituzzjoni). Bil-fatt li ndikat dak l-aggravju jfisser li s-socjeta` rikorrenti kienet qeghda tistenna li l-Qorti tal-Appell taghti decizjoni dwar dak l-aggravju. U kif rajna l-Qorti tal-Appell hekk ghamlet. Issa fejn fil-procediment odjern talbet minn din il-qorti dikjarazzjoni ta` vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni u l- Art 39 tal-Kostituzzjoni konsegwenza tal-isfilz tar-risposta guramentata jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti ressqet l-istess domanda li kienet ghamlet lill-Qorti tal-Appell. Huwa evidenti li l-oggett tat- talba li saret lil din il-qorti huwa identiku ghat-talba dwar l-aggravju li kien determinat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li mhux kontestat li ghaddiet in gudikat. Li qed jintalab fil-kawza tal-lum mhuwiex differenti minn dak li dwaru tat decizjoni l-Qorti tal-Appell. Lanqas ma huwa dan kaz ta` talba simili ghal dik li kienet deciza mill-Qorti tal- Appell imma si tratta ta` talba identika mertu ta` aggravju li dwarha l- Qorti tal-Appell ippronunzjat ruhha.*

*“Ir-rekwizit eadem res jirrizulta.*

*“Dwar ir-rekwizit eadem causa petendi l-Qorti tirrileva li aktar kmieni rreferiet ghall-kawzali li abbazi taghha s-socjeta` rikorrenti sawret l-aggravju taghha tal-lezjoni tal-jedd taghha ghal smigh xieraq. Il-Qorti tghid li l-kawzali mertu ta` dak l-aggravju kienet respinta mill- Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha. Ma tistax tippretendi s-socjeta` rikorrenti li ghax il-proceduri ordinarji ghaddew in gudikat u allura ezawriet ir-rimedji ordinarji taghha ggib l-istess kawzali bl-istess pretensjoni ta` lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fi procediment straordinarju bhal ma huwa dak kostituzzjonali u konvenzjonali tal- lum. Jekk ikun permess dan ikun qed jigi ammess forma ta` appell del terzo grado li mhux ammess fl-ordinament guridiku taghna.*

*“Ir-rekwizit eadem causa petendi jirrizulta wkoll.*

*“Dwar ir-rekwizit eadem personae jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti u dik kjamata fil-kawza fil-kawza tal-lum kienu wkoll partijiet fil-kawza fuq riferita li kienet deciza mill-qrati ordinarji”*.

7. B’rikors tal-20 ta’ Lulju 2020 l-attriċi appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta’ Ġunju 2020.

8. Il-konvenuti ppreżentaw tweġiba li fiha taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-attriċi.

<u>Konsiderazzjoni.</u>

9. Fir-rikors tal-appell l-attriċi argumentat li l-ewwel Qorti żbaljat fid-deċiżjoni li tat għaliex il-Qorti tal-Appell m’għandhiex kompetenza li tiddeċiedi materji li għandhom x’jaqsmu mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Għalhekk issostni li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma setgħet

qatt toħloq stat ta' *res judicata* fir-rigward ta' materji ta' drittijiet fundamentali. L-attriċi qalet:

> *"6.1 ......*
>
> *"L-appellanti jikkontendu li in vista tas-suespost fejn ġie muri b'mod ċar li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar 2017 m'għandha ebda effett fuq l-ilment li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq, l-ebda waħda mit-tliet element essenzjali għar-'res judicata' (eadem personae, eadem res, eadem causa petendi) ma tista' tiġi meqjusa sodisfatta.*
>
> *"Fil-każ li d-deliberazzjoni tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2017 (ċitata fl-aħħar ta' punt 5.3 aktar 'il fuq) fejn ingħad li ma kienx hemm ksur għad-dritt ta' smigħ xieraq, titqies bħala sentenza li torbot lill-partijiet, tkun proprju konferma ulterjuri ta' vjolazzjoni tal-istess dritt fejn saħansitra l-appellanti jkunu ġew imċaħħda wkoll mid-dritt tad-'doppio esame'.*
>
> *"6.2 Illi fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ġunju 2020 l-Ewwel Qorti kkastigat lill-appellanti talli fir-rikors t'appell mis-sentenza tat-2 t'Ottubru 2012 rrilevaw li kien (hemm) vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom. Is-suġġeriment jidher li hu li quddiem il-Qrati ordinarji ma jissemmew b'ebda mod id-drittijiet fondamentali sabiex 'se mai' dawn jitqanqlu snin wara fi proċeduri kostituzzjonali. L-appellanti ma jaqblux ma' dan u jinsistu li huma aġixxew fl-ambitu ta' dak li ngħad f'para 5.6 aktar 'l fuq".*

10. Appell minn sentenza jista' jservi sabiex l-appellant jilmenta li fil-kors tal-proċediment quddiem l-ewwel Qorti, ikun ġara xi ħaġa li jkun wassal sabiex jiġi ppreġudikat il-jedd għal smigħ xieraq tal-appellant. Dan jirriżulta mill-Artikolu 790 tal-Kap. 12 li jipprovdi:

> *"Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjonijew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq <u>kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq</u>".*

11. Fl-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad fil-kawża 572/2011, l-appellanti argumentat li seħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u invokat l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, għaliex:

i. L-Artikolu 158(10) li jagħti l-jedd lill-konvenut kontumaċi li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet wara li l-attur jagħlaq il-provi, m'huwiex jiggarantixxi smigħ xieraq għaliex il-konvenuta ma ngħatatx l-opportunita` li tipparteċipa b'mod attiv fil-kawża;

ii. L-appellanti ġiet imċaħħda milli tipparteċipa b'mod attiv fil-kawża minħabba nuqqas ta' terz, li wassal sabiex it-tweġiba ġuramentata tkun preżentata u proċessata ġurnata tard.[1]

12. Il-Qorti ser tirriproduċi l-aggravju tal-attriċi fir-rikors tal-appell li ppreżentat fil-kawża Concorde Developments Ltd v. B. Grima & Sons Ltd (572/2011) u sabiex wieħed jifhem aħjar x'kienu l-ilmenti tagħha mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tal-5 ta' Ottubru 2011 li biha ordnat l-isfilz tat-tweġiba ġuramentata:

*"5.....*

*"Illi b'hekk jirriżulta biċ-ċar li l-kumpanija appellanti m'għandha x'taħti xejn mal-fatt li r-risposta maħlufa tagħha ġiet effettivament ipproċessata mir-reġistru tal-Qorti l-għada li skada t-terminu, għaliex hija għamlet dak li kienet obbligata tagħmel (u ċioe' tikkonferma r-risposta bil-ġurament) fit-terminu prefiss;*

*"Illi kif jirriżulta wkoll mill-istess risposta maħlufa sfilzata, il-konverma bil-ġurament tar-risposta maħlufa tal-kumpanija appellanti saret quddiem l-istess prokuratur legali li ffirma r-risposta maħlufa, u l-kumpanija rikorrenti ma ġabet ebda prova li tali ġurament ma kien minnu u/jew li ma sarx skond il-liġi;*

*"Illi inoltre kif jirriżulta mill-atti tal-kawża l-kumpannjia appellanti kienet rappreżentata fis-seduti kollha quddiem l-Ewwel Qorti u b'ebda mod u*

[1] Ara paragrafu 8 tar-rikors tal-appell.

*f'ebda stadju ma jista' jingħad li wriet xi disprezz lejn l-Ewwel Qorti u/jew nuqqas ta' interess f'din il-kawża. Pjuttost għandu jirriżulta bil-maqlub.*

*"6. Illi l-aggravju tal-kumpanija appellanti f'dan il-kuntest hu li l-Ewwel Qorti għażlet li tisfilza r-risposta maħlufa tagħha għar-raġuni mogħtija fil-verbal tal-5 ta' Ottubru 2011, u ċioe' li l-liġi hi ċara u (il-Qorti) ma għandhiex il-jedd jew fakulta' li tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissana dak li l-liġi tikkmanda b'mod ċar.*

*"Illi fl-umli opinjoni tal-kumpanija appellanti, din ir-raġuni mogħtija mill-Ewwel Qorti hija skorretta u tmur kontra dak li jipprovdi l-artikolu 158(10) tal-Kap. 12:*

*.......*

*"Illi mit-test jidher biċ-ċar li l-Ewwel Qorti kellha l-fakulta' (u d-dover) tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tevalwa jekk kien każ ta' kontumaċja jew le, iżda għal xi raġuni l-Ewwel Qorti ma kinitx konxja minn tali fakulta' li tipprovdilha l-liġi u b'hekk sfilzat ir-risposta tal-kumpanija appellanti b'mod immedjat prattikament malli saritilha t-talba verbalment mir-rappreżentant tal-kumpanija appellata.*

.......

*"Illi inoltre fil-preżenti każ jirriżulta biċ-ċar li dak li ġara ma jista' b'ebda mod jiġi attribwit jew imputat lill-kumpanija appellanti, u kif ġie anke ritenut "għall-iżball ta' terz m'għandux jiġi preġudikat il-konvenut li jiddefendi l-kawża tiegħu, u dan anke fid-dawl tal-prinċipju 'audi alteram partem'.*

*"8. Illi l-kumpanija appellanti tisħaq li bl-isfilz immedjat tar-risposta maħlufa tagħha fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2011 ġie ppreġudikat b'mod irriversibbli d-dritt tagħha li tiddefendi ruħha f'din il-kawża, u tqis li tali deċiżjoni tikser ukoll id-dritt tagħha għal smigħ xieraq hekk kif imħares mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319).*

*"Illi f'dan l-istadju jingħad biss li minkejja li l-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 ta l-fakolta' lill-kumpanija appellanti tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet wara l-għeluq tal-provi, għalkemm dritt importanti, ma jiġġarantixxix smigħ xieraq lill-kumpanija appellanti, kif anke se jirriżulta minn dak indikat aktar 'l isfel fl-appell fuq il-meritu tas-sentenza tat-2 t'Ottubru 2012. Is-smigħ xieraq ifisser li tipparteċipa attivament fil-kawża bid-drittijiet bħall-parti l-oħra, u xejn anqas. Il-fatt li l-kumpanija appellanti ġiet imċaħħda minn tali dritt sagorsant għaliex b'xi nuqqas ta' terz indipendenti minnha, ir-risposta maħlufa tagħha ġiet ippreżentata u pproċessata ġurnata tard fir-reġistru tal-Qorti, ma jista' jiġi aċċettat qatt.*

*"Illi għar-raġunijiet fuq imsemmija l-kumpanija appellanti tqis li din l-Onorabbli Qorti għandha tħassar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti riżultanti*

*mill-verbal tal-5 ta' Ottubru 2011 fejn ġiet sfilzata r-risposta maħlufa tagħha konsegwenza ta' liema tpoġġiet fi stat ta' kontumaċja"*.

13. Fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2017 il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li dak l-ilment ma kienx ġustifikat għaliex l-appellanti kienet naqset milli tiġġustifika n-nuqqas tagħha li tippreżenta t-tweġiba ġuramentata fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tar-rikors ġuramentat. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell qalet:

*"Kif ingħad qabel, f'dan il-każ ma saritx il-prova tal-kawża ġusta li setgħet tiġġustifika l-kontumaċja, jew li tali kawża ġusta kienet tikkostitwixxi impediment leġittimu, jew żball invinċibbli li ma jammontax għal kolpa. Għalhekk f'dan il-każ, is-soċjeta konvenuta ma seħħiliex li tissana l-posizzjoni tagħha. Ma kien jinkombi fuq ħadd għajr is-soċjeta konvenuta li tiġġustifika r-raġuni l-għala r-risposta tagħha saret tardivament, permezz tal-provi opportuni, kif wara kollox jipprovdi l-artikolu 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalkemm din il-Qorti taqble mal-argument imressaq mis-soċjeta konvenuta, fis-sens li kontrarjament għal dak li ngħad mill-ewwel Qorti, ai termini tal-imsemmi artikolu tal-liġi, dik il-Qorti għandha l-jedd u l-fakolta' li tuża d-diskrezzjoni tagħha, sabiex tevalwa ċ-ċirkostanzi mressqa quddiemha li jistgħu jwasslu li l-kontumaċja tal-konvenut tiġi sanata, jekk kemm-il darba tirriżulta raġuni tajba, f'dan il-każ is-soċjeta konvenuta falliet, meta naqset li tressaq kwalunkwe prova li setgħet tiġġustifika s-sitwazzjoni tagħha.*

*"Inoltre kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011, u kif ġustament rilevant mis-soċjeta appellata, fl-ewwel data appuntata għas-smigħ, ħadd mid-diretturi jew rappreżentant ieħor tas-soċjeta konvenuta (għajr għad-difensur legali tagħha), ma ndenja ruħu jidher quddiem l-ewwel Qorti. Dan jikkontrasta sew ma' prinċipju ieħor li jista' jinsilet mill-istess ġurisprudenza ċitata mis-soċjeta konvenuta u ċioe' li meta konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, dan jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett lejn l-awtorita tal-Qorti, li jrid jirriżulta sabiex il-kontumaċja ma tiġix ġustifikata. Fil-fatt fis-sentenza ta' din il-Qorti appena ċitata qabel, jingħad ukoll li għalkemm ġustifikazzjoni meramenta bażata fuq il-preżenza tal-konvenut fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja......*

*"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li s-soċjeta konvenuta falliet fuq iż-żewġ fronti, kemm li tressaq provi biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, kif ukoll li tidher fl-ewwel jum appuntat mill-ewwel Qorti, għas-smigħ tal-kawża"*.

14. Tajjeb jew ħażin fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2017 il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat l-ilment tal-attriċi f'paragrafu 8 tar-rikors tal-appell li l-isfilz tat-tweġiba ġuramentata wassal għall-ksur tas-smigħ xieraq kif imħares mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u ċaħdet l-istess,

> *".... ladarba kienu l-istess nuqqasijiet tas-soċjeta konvenuta li wassluha għas-sitwazzjoni tagħha. L-atti proċesswali jindikaw li hija ġiet debitament notifikata u li għalkemm kellha l-opportunita' li tiġġustifika n-nuqqas tagħha li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha fil-waqt, hija naqset saħansitra milli tipprova tissana l-pożizzjoni tagħha, u għalhekk imputet sibi".*

15. Wara kollox kienet l-attriċi stess li pproponiet dak l-ilment (ara paragrafu 8 tar-rikors tal-appell preżentat fit-22 ta' Ottubru 2012).

16. F'dak l-appell, l-appellanti ilmentat ukoll li l-ewwel Qorti kienet żbaljat meta ddikjarat li m'għandhiex diskrezzjoni sabiex *"tissana dak li l-liġi tikkmanda b'mod ċar"*. Deċiżjoni li argumentat kienet tmur kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 li jipprovdi li qorti għandha tiddeċiedi l-kawża jekk il-konvenut ma jippreżentax risposta ġuramentata, *kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss .....".*

17. Fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2017 il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li l-ewwel Qorti għandha l-jedd li tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tikkunsidra ċ-ċirkostanzi u li jistgħu jwasslu sabiex il-kontumaċja tkun sanata f'każ li l-konvenut jagħti raġuni tajba. Pero` kompliet li l-appellanti

kienet naqset milli tressaq xi provi li bihom setgħet tiġġustifika l-kontumaċja.

18. L-argument tal-attriċi fil-kawża kostituzzjonali tal-lum dwar il-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, hu li bid-deċiżjoni tal-5 ta' Ottubru 2011 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba sabiex tiġġustifika l-kontumaċja. Fil-fatt fil-premessi tar-rikors promotur jingħad:

> *"3. Illi minħabba f'hekk, fl-ewwel dehra tal-5 t'Ottubru 2011, fuq talba verbali tal-avukat ta' Concorde Developments Limited, ir-risposta ġuramentata tar-rikorrenti ġiet sfilzata b'mod immedjat minn din l-Onorabbli Qorti u l-kumpanija esponenti tpoġġiet fi stat ta' kontumaċja u fl-istess waqt ġiet miċħuda wkoll it-talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja. Dak li ġara f'dawk il-ftit minuti kellu konsegwenzi serji u gravi għar-rikorrenti li għadhom isofru l-preġudizzju tagħhom sal-lum;*
>
> *"4. Illi f'ħakka t'għajn ir-rikorrenti ġew effettivament imċaħħda mid-dritt li jiddefendu l-kawża meta fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2011 il-Prim'Awla tal-Qorti, sfilzat ir-risposta ġuramentata tagħhom, u b'interpretazzjoni ħażina tal-liġi (Art. 158 tal-Kap. 12) ċaħdet ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex jiġġustifikaw il-kontumaċja. Dan imbagħad wassal għas-sentenza tat-2 t'Ottubru 2012 fejn ir-rikorrenti ġew ikkundannati jħallsu s-somma ta' €84131 lil 'Concorde Developments Limited'.*
>
> *"5. Illi fl-istadju tal-appell, fis-sentenza tas-27 ta` Jannar 2017, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri minkejja li qablet mar- rikorrenti li l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili interpretat b`mod zbaljat l-Art. 158 tal-Kap 12, cahdet dik il-parti tal-appell billi kkonkludiet, ukoll b`mod zbaljat, li r-rikorrenti kienu nghataw id-dritt jiggustifikaw il-kontumacja taghhom izda naqsu milli jgibu l-provi ghal dan. L-appell intlaqa` in parti fuq il-mertu u r-rikorrenti giet ikkundannata thallas lil Concorde Developments Ltd. Is-somma ta` €47,821 bl-imghax mit-2 t`Ottubru 2012.*
>
> *"6. Illi meta dan l-izball tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri gie rilevat fi stadju ta` ritrattazzjoni, l-istess Onorabbli Qorti naqset milli tifhem l-ilment tar-rikorrenti u fis-sentenza tat-2 ta` Marzu 2018, cahdet l-ilment tar-rikorrenti ghar-raguni li: "mill-atti tal-kawza ma tirrizulta li tressqet ebda prova sabiex tittenta tiggustifika l-istat kontumaci taghha". Ta` min jinnota wkoll li f`dik is-sentenza giet riprodotta s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti minflok is-sentenza tal-appell tas-27 ta` Jannar 2017 li minnha kienet proprju ntalbet ir- ritrattazzjoni.*

*"7. Illi kif diga` gie sostnut ripetutament mir-rikorrenti, fis-seduta tal-5 t`Ottubru 2017, huma ma thallewx iressqu provi fuq il-kwistjoni tal-kontumacja hekk kif jidher ovvju mill-verbal ta` dakinhar tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili, li b`interpretazjoni u applikazzjoni zbaljata tal-Art. 158 tal-Kap. 12 cahdet it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja dak il-hin stess waqt is-seduta. B`hekk mhuwiex gust dak li gie konkluz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri kemm fi stadju ta` appell u kif ukoll fi stadju ta` ritrattazzjoni, peress li r-raguni li ma tressqet ebda prova ghall-gustifikazzjoni ta` kontumacja kienet li ma thallietx taghmel dan mill-Ewwel Onorabbli Qorti b`interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-Art. 158 tal-Kap. 12"* (enfażi miżjuda).

19. Fir-rikors tal-appell mis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2020 l-attriċi argumentat ukoll li:

*"(vi) Dak li qegħdin jisħqu l-appellanti, u kif jirriżulta biċ-ċar mir-rikors tal-15 ta' Mejju 2019, u n-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom tal-4 ta' Mejju 2020, huwa li fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011 mhuwiex minnu li ngħataw id-dritt jiġġustifikaw il-kontumaċja u kwindi l-art. 158(10) tal-Kap. 12 ġie applikat fil-konfront tagħhom in vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq".*

20. Għalhekk ir-rikorrenti qiegħda ssostni t-talba tagħha sabiex tiġġustifika l-kontumaċja kienet ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti fil-kawża ċivili.

21. Ilment li ma jirriżultax li l-Qorti tal-Appell fl-appell numru: 572/2011/1 iddeċidiet dwaru fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2017, u li hu evidenti li sar fir-rikors promotur tal-kawża tal-lum kif jirriżulta minn paragrafi 3 - 7 tar-rikors tal-appell.

22. Dan apparti li fir-rikors promotur tal-kawża odjerna, l-attriċi tilmenta wkoll li:-

*"10. Illi f'kull każ, anke jekk għas-saħħa tal-argument il-Qrati kienu korretti f'kull stadju (li ma kinux), xorta waħda jibqa' l-fatt li l-preżentata*

> *ta' risposta maħlufa ġurnata waħda (1) tard m'għandha qatt twassal għal dak li ġara. Il-mod kif ġie applikat u interpretat l-artikolu 158 tal-Kap. 12 f'din il-kawża fil-konfront tar-rikorrenti kiser b'mod gravi u serju d-dritt tagħha għal smigħ xieraq u imparzjali u kif ukoll il-prinċipju sagrosant tal-audi alteram partem. F'dan il-każ qatt ma kien hemm dubju li r-rikorrenti kienu qegħdin jopponu u jikkontestaw it-talba ta' Concorde Developments Ltd, tant li ippreżentaw ukoll risposta maħlufa"*.

23. Dak l-ilment kien inkorporat fir-rikors tal-appell (ara paragrafu 8 hawn fuq riprodott).

Għal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell tal-attriċi u sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Ġunju 2020, u minflok tiċħad l-eċċezzjonijet numru sebgħa (7) li taw kull wieħed mill-konvenuti.

Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tagħhom.

Tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-ewwel grad sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

Giannino Caruana Demajo
President

Joseph R Micallef
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr